KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Tmienja u Sebgħin (78)*

***Il-Hamis, 15 ta' Frar, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Hadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**78.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

78.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji.

**78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

78.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 77 li nzammet nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2018.

78.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 77 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

78.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 77. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 77 gew approvati unanimament.

**78.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 78/2018 – Frar 2018***

78.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 78-2018 biċ-ċekkijiet numru 5928 sa 5963 li tammonta €22,850.99

78.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 78-2017 bl-ammont ta' €22,850.99
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

78.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 78-2017 ġiet approvata unanimament.

**78.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghall-Perjodu ta' Ottubru – Dicembru 2017**

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill.*

78.4.1 L-*Accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri imnizzla fir-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu Ottubru – Dicembru 2017.

78.4.2 Ir-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu ta' Ottubru –Dicembru 2017 gie approvat unanimament.

**78.5 <u>Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2017*</u>**

78.5.1 L-*Accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-figuri tal-*unaudited Financial Statements 2017*.

78.5.2 L-*accountant* tal-Kunsill staqsa dwar ammont ta' €18,221 jekk ghandux jitnehha mill-*accounts* tal-Kunsill minhabba li ghaddew ammont ta' snin minghajr ma saret ebda korrispondenza dwarha. Il-Kunsill qabel li din il-figura titnehha.

78.5.2 L-*Unaudited Financial Statements 2017* gew approvati unanimament bl-adjustment imsemmija.

**78.6 <u>Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv</u>**

78.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-kontenut tar-Rapport Annwali Amministrattiv li gie mibghut minn qabel lill-membri tal-Kunsill.

78.6.2 Wara diskussjoni, ir-Rapport Annwali Amministrattiv gie approvat unanimament.

**78.7 <u>Approvazzjoni tal-Budget ghas-sena 2018</u>**

78.7.1 L-accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-kontenut tal-budget 2018 wara li gie diskuss mas-Segretarju Ezekuttiv.
78.7.2 Wara diskussjoni, il-Budget ghas-sena 2018 gie approvat unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgha l-Accountant tal-Kunsill hareg mill-kamra*

**78.8 <u>Mizura 4.3</u>**

78.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li saret il-laqgha rigward din il-mizura fejn ghaliha attendiet is-Segretarju Ezekuttiv.

78.8.2 Waqt il-laqgha gejna nfurmati li d-*deadline* sabiex jigu sottomessi d-dokumenti kollha relatati ma din il-mizura huwa Gunju 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dan id-*deadline* ma jistax jigi milqugh jekk il-Kunsill irid johrog it-tender. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li talbet lill-Awtorita' jekk jistax jintuza t-tender prezenti tal-*Road Maintenance and Major Patching works* biex ikun jista' jinbeda x-xoghol.

78.8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li jekk dan id-deadline ma jintlehaqx, il-fondi ma jinghatawx u ghaldaqstant il-Kunsill ikun irid ihallas l-ispejjez kollha, li dawn jistghu ibidlu totalment is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

78.8.4 Il-Kunsill qabel li jsiru l-proceduri neccessarji sabiex jinbeda x-xoghol u f'kaz li jrid jinhareg it-tender ghandha tintalab *extension* tad-*deadline.*

**78.9 Karnival 2018**

78.9.1 Is-Sindku Darren Abela qal li ghall-ewwel darba din is-sena sar il-Karnival tat-tfal fil-Pjazza. Din l-attivita' kienet success u ghaldaqstant s-Sindku ppropona li jerga jsir.

78.9.2 Il-Kunsillier Keith Fenech issugerixxa li bhala data ghandha tigi diskussa minhabba li kien hemm tfal ghaxqin li urew ix-xewqa li jippartecipaw izda minhabba li mhumiex fl-istess skola ma setghux jippartecipaw.

78.9.3 Rigward l-attivita' tal-Hadd filghaxija, il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-gruppi ta' zfin kull sena qeghdin jonqsu ghaldaqstant ghas-sena d-diehla ghandu jigi diskuss x'jista' jizdied mal-programm. Rigward il-jumejn tal-Karnival Spontanju, il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-attivita din is-sena regghet kienet wahda ta' success.

78.9.4 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ghas-sena d-diehla ghandna nsostnu ma tal-karrijiet li ghandhom jinhargu fil-jumejn konsekuttivi tal-Karnival Spontanju.

**78.10 Korrispondenza**

78.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-skrivan skala 15. L-impjegat tal-Kunsill fuq skala 16 applika ghal din is-sejha. Il-Kunsill approva li s-Sur Spiteri jimla l-post ta' skrivan fuq skala 15 b'effett mis-16 ta' Frar 2018.

78.10.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-Applikazzjoni li saret minn Barbros Group sabiex isir zvilupp fi Triq Wenzu Dalli . Il-Kunsill qabel mal-pjanta l-gdida pprezentata.

78.10.3 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Appell tat-tender tal-Knis nqata' favur l-appellant minhabba li l-Kunsill specifika il-hinijiet tal-kenniesa. Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jirrifondi lura d-depozitu fuq l-appell.

78.10.4 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar l-applikazzjonijiet tal-PA li tqassmu minn qabel. Rigward l-applikazzjoni PA/00421/18 il-Kunsill oggezzjona minhabba li l-izvilupp propost se jsir fil-parti skedata. Fuq l-applikazzjonijiet l-ohra hadd ma kellu oggezzjonijiet.

78.10.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-haddiema tal-Kunsill dahlu jnaddfu kuljum wara l-attivitajiet tal-Karnival. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jtihom forma ta' kumpens li jkun ibbazat fuq ir-rata tal-paga taghhom.

78.10.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward minghand AKL dwar Sejha ghall-Kunsilli dwar WIFI4U. Il-Kunsill qabel li juri l-interess li jippartecipa u bhala zona napplikaw ghaz-zona taz-zebbug.

**78.11 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

78.11.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-attivita' tac-Cheese and Wine li ssir f'Jum Hal Ghaxaq. Bhala data giet proposta is-Sibt 21 ta' April 2018.

78.11.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li bhala parti mill-attivitajiet ta' Jum Hal Ghaxaq issir harga ghal Parlament ghat-tfal. Il-grupp ghandu jkun ta' iktar minn 30. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi transport.

78.11.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar ktieb li qed jinkiteb dwar Sqaq il-Kappillan. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-awtur sabiex nitkellmu fuq il-proposti tieghu biex jigi ppublikat il-ktieb.

78.11.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq suggeriment dwar ir-rotta ta' Tal-linja li tghaddi minn San Filippu sabiex tghaddi minn Triq it-Tgezwira. Din il-proposta ghandha tintbaghat lill-Transport Malta.

78.11.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitwahhlu lampi godda fl-isqaqin li jdawru il-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingiebu stimi.

78.11.6 Is- Sindku Darren Abela ppropona li jsiru No Heavy Vehicles fil-Pjazza. Minhabba vetturi kbar li jidhlu jaghtu servizz il-hwienet u d-djar fil-Pjazza, il-Kunsill qabel li jwahhal tabelli li jindikaw it-tunellagg tal-vetturi li jidhlu gol-Pjazza u tabelli li jindikaw il-wisa' tal-isqaqien.

78.11.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-hsieb li jsir presepju bit-tema lokali fil-Pjazza. Is-Sindku qal li ltaqa' mad-disinjattrici fejn iddiskutew kif ghandu jsir. Il-Kunsill qabel li x-xoghol fuq dan il-presepju ghandu jinbeda u jinghata rendikont waqt il-laqgha tal-Kunsill ta' dak li qed isir.

78.11.8 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar progett gdid li se johrog mill-GAL fejn il-Kunsill jista' jinghata fondi sa massimu ta' 80% tal-progett. Il-Progetti li se jintghazlu ghandhom ikunu *environmental friendly.* Is-Sindku Darren Abela ippropona li jsir il-progett ta' Santu Rokku. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dan il-progett mhux imnizzel fil-budget ta' din is-sena u ghaldaqstant irridu nikkonfermaw mal-accountant kif jista' jsir il-finanzjament tieghu.

78.11.9 Is-Sindku Darren Abela ippropona li fi Triq San Gorg issir *flat roundabout*. Il-Kunsill qabel li s-suggeriment jintbaghat lit-Transport Malta.

78.11.10 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu laqgha mal-propjetarji tal-SMEs ta' Triq il-Belt Valletta fejn gie diskuss il-possibilita li jisponsorjaw il-progett ta' l-istess triq.

**78.12** **<u>Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri</u>**

78.12.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq rapport dwar bozza mitfija fi Triq ic-Cimiterju, l-ahhar wahda fuq gewwa. Din il-bozza ser tigi rrapurtata.

**78.13** **<u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

78.13.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu 2018 fil-5:30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-20:00

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |